**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 183/2019**

**Appell Nru 185/2019**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Keith-Joseph Mallia**

Illum, 27 ta' Novembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant/appellat, Keith-Joseph Mallia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 148471(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar il-11 ta' Frar 2013, għall-ħabta tad-21:00hrs, ġewwa Zejtun:

1. Flimkien ma' persuni oħra, ikkommetta serq ta' ġojjellerija u oġġetti oħra minn fuq il-persuna ta' Michael Caruana ta' ħamsa u sebgħin (75) sena u ċioé persuna li għalqet l-eta' ta' sittin (60) sena, liema serq sar flimkien ma' offiża fuq il-persuna u/jew sekwestru tal-persuna, ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' €2,329.37 u bil-ħin għad-detriment ta' l-istess Michael Caruana u/jew ta' xi persuna/i oħra;
2. Flimkien ma' persuni oħra, bla ordni skont il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Michael Caruana ta' ħamsa u sebgħin (75) sena kontra l-volonta' tiegħu, liema persuna waqt l-arrest, żamma jew sekwestru ġiet offiża fuq il-persuna u/jew mhedda bil-mewt, bil-ħsieb ta'

estorsjoni ta′ flus jew ħwejjeġ oħra, jew biex ikun mġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta′ ħwejġu;

3. Flimkien ma′ persuni oħra, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta′ Michael Caruana, anzjan ta′ ħamsa u sebgħin (75) sena f′periklu ċar, ikkaġunalu ġrieħi ta′ natura ħafifa skont kif iċċertifikat minn Dr. Andrew Farrugia Wismayer Med. Reg. 5345;
4. Filwaqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta′ serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t′arma tan-nar jew imitazzjoni t′arma regolari;
5. Fl-istess żmien u ċirkostanzi akkwista, kellu fil-pussess tiegħu għal liema għan ikun, żamm jew importa sustanza irritanti li huma projbiti (pepper spray);
6. Kiser il-kundizzjonijiet ta′ zewg digrieti li bihom ingħata l-liberta′ provizorja, imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta u Għawdex) f′dan li ma jikkommettiex delitt ieħor ta′ natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest.

Il-Qorti ġiet mitluba titratta ma′ Keith-Joseph Mallia bħala reċidiv ta′ diversi sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan ai termini ta′ Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta′ Keith-Joseph Mallia u tordna l-arrest mill-ġdid ta′ l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li l-flejjes imposti fuqu jgħaddu favur il-Gvern ta′ Malta kif stipulat fl-Artikoli 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex, f′kaz ta′ ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-*corpus delicti*, armi u/jew għodod oħra li ntuzaw waqt id-delitt fosthom vann Isuzu bin-numru ta′ reġistrazzjoni JAP 986.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f′kaz ta′ ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat Keith-Joseph Mallia jħallas l-ispejjez li għandhom x′jaqsmu mal-ħatra ta′ l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta′ l-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering (Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta′ Malta) hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta u sabiex, f′kaz ta′ ħtija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta′ Ġudikatura Kriminali tat-12 ta′ Ġunju 2019, fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tas-sitt (6) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u ma sabitux ħati wkoll lanqas talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta′ Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta u b′hekk

illiberatu mis-sitt (6) imputazzjoni msemmija u ċaħdet it-talba tal-Prosekuzzjoni fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba titratta mal-imputat bħala reċidiv ai termini ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. *In oltre*, wara li rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datata 31 ta' Lulju 2014 u senjatament Artikoli 86, 87(1)(c), 214, 215, 221(1), 221(2), 222A(1), 261(a), 261(c), 261(f), 262(1)(a), 262(2), 267, 270, 274(c), 275, 276A, 277(a), 279(b), 280(2), u 280(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 3(a) u 55(a) u sub-inciz 8 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Keith-Joseph Mallia ħati tal-ewwel (1) (inkluz tal-kwalifiki hemm imsemmija), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal perijodu ta' erbgħin (40) xahar priġunerija. Il-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-Prosekuzzjoni kontenuti fiċ-*charge sheet* sabiex il-Qorti tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imputat, sabiex il-Qorti tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu u sabiex tordna li l-flejjes imposti fuqu jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta u dana stante li l-imputat ġie lliberat mis-sitt (6) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu. Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-ħati Mallia sabiex fi zmien sena mid-data tas-sentenza iħallas l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti f'dawn il-proċeduri u ċioé is-somma ta' tliet t'elef, erba' mija u ħamsa u erbgħin Euro u tmienja u ħamsin ċentezmu (€3445.58). Il-Qorti, filwaqt li ċaħdet it-talba kontenuta fiċ-*charge sheet* sabiex tiġi ordnata l-konfiska tal-vann bin-numru ta' reġistrazzjoni JAP 986 u dana stante li dan il-vann ġie rilaxxat fis-seduta tal-21 ta' Awwissu 2014 (a fol. 549) in segwitu ta' Rikors ipprezentat minn Emanuel Mallia fis-26 ta' Frar 2013 (a fol. 60), ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom saru r-reati (inkluz il-*pepper spray* li jsir riferenza għalih fl-atti proċesswali) u ordnat wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-ħati. Finalment, il-Qorti rrakomandat lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jingħata l-għajnuna kollha neċessarja hekk kif indikat mill-Uffiċjal tal-Probation Maryanne Zammit fir-rapport tagħha (Dok. "MZ 1" – a fol. 589 et seq.).

Rat ir-rikors tal-appellant Keith-Joseph Mallia, ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2019, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn illiberatu mis-sitt (6) imputazzjoni, mill-addebitu tar-reċediva miġjuba fil-

konfront tiegħu u mit-talba mhux milqugħa għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest tiegħu, tħassarha u tirrevokaha fejn sabitu ħati tal-ewwel (1) inkluz tal-kwalifiki hemm imsemmija, tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena; jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-kaz.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali pprezentata *seduta stante* nhar id-19 ta' Mejju 2023.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2019, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi:

(i) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lil Keith-Joseph Mallia ħati tal-ewwel (1) (inkluz tal-kwalifiki hemm imsemmija), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjonijiet dedotta fil-konfront tiegħu; u

(ii) Tikkonfermaha ukoll f'dik il-parti fejn sabet lil Keith-Joseph Mallia mhux ħati tal-addebitu tar-reċediva; u

(iii) Tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lil Keith-Joseph Mallia mhux ħati tas-sitt impitazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u minflok issibu ħati tal-istess u sussegwentement tgħaddi sabiex tiddisponi mill-kaz skond il-liġi, tinfliġġi l-piena idoneja u tordna r-revoka tal-ħelsien mill-arrest tal-istess Mallia u tordna l-arrest tiegħu mill-ġdid u dana fl-aħjar interess tal-ġustizzja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet ix-xhieda ta' Clint Micallef, Anton Coleiro, Nicoletta Farrugia u Martine Cutajar.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, kemm l-imputat kif ukoll l-Avukat Ġenerali ħassewhom aggravati bis-sentenza appellata u interponew appell quddiem din il-Qorti, bl-appell tal-imputat jikkritika s-sentenza fil-mertu u dan fejn kienet misjuba il-ħtija, filwaqt li l-Avukat Ġenerali

jillimita l-appell għal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti lliberat lill-imputat mis-sitt imputazzjoni u ma ordnatx ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest mogħti proċeduri oħra, stante illi s-sejbien ta' ħtija għall-imputazzjonijiet mertu ta' dan il-każ wasslu għal ksur tal-kondizzjonijiet imposti fuqu għall-għoti ta' dan il-ħelsien mill-arrest.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-appell minnu ntentat l-imputat Keith Joseph Mallia jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti u tal-liġi applikabbli fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija għall-ewwel imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu. Huwa jisħaq li l-vittma *de quo* mhuwiex kredibbli u għalhekk l-identifikazzjoni li saret mill-istess vittma tal-vuċi tiegħu hija waħda monka, iktar u iktar meta rriżulta waqt id-depożizzjoni tiegħu fil-qorti illi huwa għandu problemi fis-smigħ. Mhux biss, iżda isostni illi lanqas ma hu kredibbli l-vittma meta igħid illi huwa għaraf il-vettura li kien qed juża' l-imputat, meta dan fl-istess nifs igħid li waqt l-aggressjoni il-malviventi tefgħulu l-i*spray* f'wiċċu u ma bediex jara. Lanqas l-identifkazzjoni li saret fuq ir-ritratti murija lill-vittma mill-pulizija, fil-fehma tal-appellant, ma hija waħda attendibbli u li saret skont il-liġi. *In oltre*, jattakka ukoll l-evidenza miġjuba, inkluż il-marka taż-żarbun li ittieħdet minn fuq iż-żarbun tiegħu stante li fil-mument li ż-żarbun in kwistjoni ġie elevat mill-pulizija, huwa ma ngħatax id-dritt li jkun assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu.

Illi, ġialadarba dan l-aggravju huwa dwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6

Illi, jirriżulta illi nhar it-Tnejn 11 ta' Frar 2013, il-Pulizija kienet infurmata li persuni mhux magħrufa attakkaw persuna u dderubawha. Meta wasslu fuq ix-xena tar-reat, u ċioe' fil-fond bin-numru 52, Triq John Borg, Zejtun, il-vittma Michael Caruana irrappurtalhom illi hekk kif kien ser jiftaħ il-garaxx sabiex idaħħal il-vettura tiegħu, tlett persuni mgħammda qabżu fuqu, sprejjaw materjal lejn wiċċu, neħħewlu l-"*hearing aid*" u tajrulu n-nuċċali minn wiċċu, u wara dan serqulu zewġ ċrieket tad-deheb, li wieħed minnhom kellu forma ta' ziemel u l-ieħor forma ta' lira antika, ġizirana, s-somma ta' mija u tmenin Ewro, kif ukoll il-kartiera tiegħu. Irriżulta ukoll li waqt dina s-serqa, wieħed mill-malviventi kien żamm lill-vittma sakemm l-ieħor serqu mbagħad ħarbu minn fuq il-post.

Illi, meta l-vittma ġie mitkellem mill-Pulizija *a tempo vergine*, huwa sostna li għaraf wieħed mill-aggressuri tiegħu, liema aggressur jgħid li kien liebes flokk bħalma jilbsu l-kaċċaturi, ċioe ta' lewn "*camouflage*", u li għandu vann aħmar bil-kabina. Ġiet imnehdija inkjesta maġisterjali fejn waqt dan l-istaħħriġ il-vittma indika lill-appellant bħala wieħed mill-aggressuri tiegħu. In segwitu l-appellant ġie arrestat u saret tfittxija fir-residenza tiegħu, fejn instabu, *inter alia*, flokk ta' lewn *camouflage* kif ukoll zarbun li seta' jaqbel ma' marka ta' żarbun li kienet instabet fuq iż-żarbun li kien liebes il-vittma. L-appellant sussegwentement irilaxxja zewġ stqarrijiet lill-investigaturi, waħda nhar it-12 ta' Frar 2013 u l-oħra nhar it-13 ta' Frar 2013. F' dawn iz-zewġ istanzi, wara li ngħata l-kawteli kollha hekk kif viġenti dak iż-żmien, l-appellant għazel li ma jwieġeb għall-ebda domanda lilu magħmula.

Illi, il-vittma jagħti l-verzjoni tal-fatti tiegħu ukoll quddiem l-espert maħtur fil-kors tal-inkjesta maġisterjali, Dr Joseph Mifsud. L-istess espert, meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti stqarr hekk fir-rigward tal-vittma Michael Caruana -

> **"Jien rajtu li kien ċertu preċiżjoni kien qed jixhed. Għandu ftit problema bis-smiegħ pero' meta titkellem miegħu jiġifieri taha d-dettalji kollha. F'ħin minnhom anke ddentifika persuna li allegatament ħadet sehem f'din l-aggressjoni fil-konfront tiegħu. Semma' l-isem tal-persuna u hawnhekk l-iSpettur ġab sett ritratti at random ta' persuni, għamilna l-kontroll bl-ezatt**

---

ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

**jiġifieri dawn is-sitt persuni għamilna ukoll l-id card number u l-vittma kellu ċans minn dawn il-persuni jidentifika l-persuna li semma' aktar qabel fix-xhieda tiegħu. Jiġifieri kien wieħed minn sitta l-persuna u hu ddentifika l-persuna li hawnhekk hawn Doc MC1 bin-numru 6. U din għamilniha bil-kontrolli kollha neċessarji, bil-prezenza tal-vittma, ta' l-Ispettur u anke ta' l-Ispettur James Grech u anke tas-Surġent 426 Anthony Portelli".**

Illi, l-Espert Mifsud jirreplika fir-rapport tiegħu dak li stqarr miegħu il-vittma meta xehed quddiemu:–

**Ix-xhud spjega li t-Tnejn 11 ta' Frar 2013 għall-ħabta tad-disgħa filgħaxija (9pm) kien ser idaħħal il-karozza tiegħu Izuzu Gemini ġol-garage fil-blokka li hemm fi Triq Tamburin, Zejtun.**

**Ix-xhud spjega li baxxa biex jiftaħ il-firroll u f'daqqa waħda ġie ġo fih wieħed u f'daqqa waħda ġew tnejn oħra.**

**Ix-xhud spjega li tefgħu darbtejn mal-ħajt bis-saħħa.**

**Ix-xhud spjega li kif tefgħu mal-ħajt daħal ieħor u dan beda jeħodlu l-affarijiet minn għonqu, idu u l-but.**

**Ix-xhud spjega li minn għonqu ħadulu l-ġizirana, minn idu ħadulu zewġ ċrieket kbar, kollox tad-deheb u l-kartiera li kien fiha mija u tmenin ewro (€180).**

**Ix-xhud spjega li d-deheb jiswa' madwar tliet elef u ħames ewro (€3,005).**

**Ix-xhud spjega li għaraf lil dak li daħal l-ewwel u sawtu.**

**Ix-xhud spjega li għarfu mill-istatura u leħnu.**

**Ix-xhud iddentifikah li kien Keith in-Nammu.**

**Ix-xhud spjega li hu kien tiratur fuq il-plattini, kien ikun ma missieru Leli u Keith kien ikun miegħu.**

**Ix-xhud spjega li l-persuna sprejjalu xi ħaġa f'għajnu li bdew jaħarquh u wara ftit ma bediex jara għax dik il-persuna tajritlu n-nuċċali u anke qalalu l-hearing aid.**

**Ix-xhud spjega li għandu daqqa fuq moħħu.**

**Ix-xhud spjega li t-tnejn l-oħra ma jafhomx imma tidher li waħda kienet mara.**

**Ix-xhud spjega li baqa' jiġri warajh.**

**Ix-xhud spjega li pparkja ftit -il bogħod minnu.**

**Ix-xhud spjega li l-vann kien Isuzu aħmar.**

**Ix-xhud spjega li l-persuna riekeb fil-vann u ħarbu.**

**Ix-xhud spjega li hu għaraf leħnu meta qallu "Ara ma jfettillekx tirraporta lill-Pulizija għax noqtlok".**

**Ix-xhud spjega li l-garage tiegħu għandu n-numru 12 u qiegħed fil-basement.**

**Ix-xhud spjega li l-vann kellu l-kaxxa ta' wara miftuħ.**

**Ix-xhud spjega li qabel mar lejn il-garage biex immur id-dar kien il-pitch tal-boċċi Ħal Għaxaq.**

**Ix-xhud spjega li hemmhekk kellmuh iz-zewġt itfal ta' Keith in-Nammu.**

**Ix-xhud spjega li wieħed għandu xi 12 u l-ieħor 14.**

**Ix-xhud spjega li dawn kien ilu ma jarahom hemm xi erba' xhur u hu u ħiereġ rahom deħlin u ħerġin.**

**Ix-xhud spjega li kellmuh u qalulu n-nannu sella għalik.**

**Ix-xhud spjega li n-nannu jiġi Leli missier Keith.**

**Ix-xhud spjega li t-tfal ralhom mobile f'idejhom.**

**Muri sitt ritratti magħzula at randon inkluz il-persuna li ddentifika mal-esponent u l-pulizija l-vittma (dawn huma ta' 1. Ryan Debattista, 2. Matthew Portelli, 3. Stephen Mifsud, 4. Steve Galea, 5. Mario Campolo u 6. Keith-Joseph Mallia) biex ix-xhud jarafx lil xi ħadd minn dawn li aggredih indika in-numru sitta.**

Illi, *in oltre*, l-istess vittma Michael Caruana xehed quddiem l-Ewwel Qorti fejn għal darb oħra reġa' irrakonta il-verzjoni tal-fatti tiegħu. Huwa xehed li nhar il-11 ta' Frar 2013 filgħaxija, kien ġewwa l-*pitch* tal-boċċi ta' Ħal Għaxaq u kien hemm it-tfal tal-appellant li bdew ikellmuh fuq iċ-ċrieket li kien liebes u kellhom ukoll telefon ċellulari f'idejhom. Jgħid li mbagħad huwa mar lura f'daru u niżżel il-vettura tiegħu fil-garaxx li qiegħed *basement level*. Ikompli jispjega li hekk kif kien ser jiftaħ l-istess garaxx:–

**"Ftaħt il-garaxx nofsu, ġejt biex niftaħ in-nofs l-ieħor u sibt raġel fuqi. Qabadni, qabadni, tefgħani ġewwa" ... "Qabadni minn idejja u minn ġo wiċċi, hekk, u ħabbatni mal-faċċata tal-garaxx, ġewwa, u tefgħali spray ġo għajnejja, tajjarli n-nuċċali, tajjarli l-hearing aid b'kollox, tajjarli kollox minn wiċċi u ma stajtx niċċaqlaq. Ma ċċaqlaqtx u lanqas tkellem hu, ma tkellimt xejn dak il-ħin, xejn m'għidt. U fil-pront rajt ieħor niezel, rajt ieħor ġej".**

Illi, il-vittma kkonferma li l-ewwel persuna li ħebbet għalih kien propju l-appellant. Mistoqsi kif għarfu, il-vittma wieġeb:

"**Le, ma kellux wiċċu mikxuf. Imma fl-aħħar, meta ħaduli kollox, kellimni, qalli 'ara ma tmurx tirraporta lill-pulizija għax noqtlok'. Għidt dan il-tali, mal-ewwel**".

Jikkonferma ukoll li lill-appellant kien ilu jafu minn meta l-istess kien għadu zgħir. Ikompli jispjega: -

"**Kellu, imlibbes hu, ħalqu, għajnejh biss barra. U fil-pront rajt ieħor niezel. Għidt 'mhux waħdu qiegħed', għidt 'għandu iktar miegħu'. U kif rajtu niezel hekk, għidt 'dan mhux raġel' għidt 'din mara, il-mixja tagħha'. Għax naqra bogħod eh biex tiġi ġol-garaxx. U dak izommni. Din ġiet miegħi biex toħodli l-affarijiet hu. U għidt 'din veru mara'. Għidt 'din mara'. Anke mir-riha tal-fwieħa u hekk jiġifieri. Għidt 'veru mara'. Mill-ewwel għidt mara'**".

Jgħid li dina kienet mgħammda ukoll u li ma kellmitux. Illi, huwa jkompli jixhed li dak li kien qed izommu kien kellmu:–

"**Iva, dak li qabadni dak kellimni. L-oħrajn ħarġu minn hemm u hu baqa' jzommni ġol-garaxx; ħarġu huma u għalaqli l-garaxx ġo wiċċi biex ma nkunx nista' mmur warajhom – qed tifhem? – u xorta tlajt avolja ma kontx qed nara dak il-ħin. Ma kontx qed nara dak il-ħin bl-ispray li kelli ġo għajnejja, bil-ħruq. U għidt, rajt il-vann sejjer, għidt 'dak il-vann nafu'. Għidt 'ezatt kif qtajt jien'**".

Jispeċifika li dan kien vann aħmar tal-għamla Isuzu u li kien għarfu bħala l-vann tal-appellant. Illi, l-vittma jiddeskrivi ukoll x'kien liebes l-appellant dak il-ħin tas-serqa:–

"**Kien liebes qisu ġakketta tal-kaċċa, aw ħadra, u sakemm kont qed nara, dik rajtlu fuqu, ġakketta qisha bil-kalzetta s'hawn, hekk, u zarbun u qalziet komuni eh. U fuq il-, meta zammni mal-ħajt tefgħali siequ fuq sieqi biex ma niċċaqlaqx u z-zarbun immarka kollu fuqu l-qiegħ. U fil-fatt haduhuli hu z-zarbun. Ħaduhom tas-CID haw, iz-zarbun, u ġakketta, qalli "dik tihieli għax dik għandna xhur kbir biha z-zarbuna'. U jien deċiz li kien hu**".

Illi dan il-vann aħmar bil-kabina jidher ukoll fl-istills meħuda minn kamera tas-sigurta' elevat mill-viċinanzi u li eżaminaha l-espert Steven Farrugia Sacco.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jibda' billi jattakka l-kreddibilita' ta' l-vittma u jgħid li minħabba f'hekk, l-identifikazzjoni tiegħu magħmula minnu mhijiex attendibbli. Issa Caruana minnufih wara li ġie aggredit indika lill-appellant bħala wieħed mill-malviventi li aggredewh u idderubawh. Jindika dan lill-Pulizija *a tempo vergine* b'din il-konvinzjoni jerġa' jaqasamha mal-espert maħtur mill-Qorti, Dr. Joseph Mifsud, u jibqa' jasserixxi

l-istess verżjoni tal-fatti, inkluż l-identifikazzjoni minnu magħmula meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti. Għalkemm il-vittma għandu problemi tas-smiegħ, madanakollu huwa baqa konsistenti fil-verżjoni tiegħu tal-fatti u dan kif jindika ukoll l-Espert Mifsud fix-xiehda tiegħu meta jiddeskrivi r-rakkont tal-vittma bħala wieħed b' "**ċertu preċiżjoni". **Mhux biss iżda minn verbal magħmul mill-Ewwel Qorti tal-21 ta' Frar 2013, jirriżulta s-segwenti kumment magħmul mill-istess qorti wara li semgħet ix-xiehda tad-derubat**:**

> **"Il-Qorti tinnota illi filwaqt li hu minu li Michael Caruana jirrizulta li ma jismax kompletament sew, u dan jirrizulta minn meta gew mistoqsija lilu domandi kemm in ezami kif ukoll in kontro-ezami, meta gew mistoqsija lilu dawn id-domandi b'vuci gholja, hu seta' jwiegeb."**

Mhux biss iżda il-vittma jibqa' jinsisti ukoll illi huwa għaraf leħen l-aggressur tiegħu meta dan heddu bil-mewt bħala il-leħen tal-appellant. Dan id-diskors ingħad lilu, kif tajjeb irrimarkat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, meta l-aggressur tiegħu kien kważi wiċċ imb'wiċċ miegħu tant illi dan kien qed jiġi miżmum minnu b'sieqU fuq sieq Caruana. Dan abbinat mal-fatt ukoll illi l-appellant kien jaf sew kemm lill-appellant, li huwa jindikah bħala Keith in-Nammu, kif ukoll jaf lil missieru Leli u anke jaf li l-appellant għandu żewġt itfal, wieħed ta' 12 u l-ieħor ta' 14-il sena. B'hekk huwa evidenti li dan huwa iktar każ ta' "*recognition*" milli ta' identifikazzjoni. Illi fil-famuż każ ta' *Turnbull*[2] ingħad illi:

> ***... Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made. All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger' (ara Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1991; Archbold, 1997, pagni 1255-1256)"".***

Illi, il-vittma kien ċertissimu mill-identifikazzjoni li għamel u ta deskrizzjoni sew tal-malviventi, liema deskrizzjoni ġiet ulterjorment ikkorroborata minn evidenza oħra illi hemm fl-atti li kollha jippuntaw fid-direzzjoni ta'l-appellant, sabiex b'hekk meta tiġi biex tixtarr il-prova magħmula permezz ta'l-identifikazzjoni tal-malvivent l-Qorti trid

---

[2] Turnbull (1977) QB 224.

tqis ukoll l-evidenza l-oħra li hemm fl-atti u jekk din isserviex biex isaħħaħ l-identifikazzjoni magħmula. U allura jiżbalja l-appellant meta fl-aggravju tiegħu jilmenta fuq l-inattendibbilita' ta'l-identifikazzjoni magħmula mill-vittma u iqis in iżolament il-provi l-oħra indizzjarji li hemm fl-atti.

Illi l-provi indizzjarji li jemerġu f'dawn il-proċeduri jassumu rwol importanti ħafna u jagħtu stampa ċara tad-dinamika ta' l-istess inċident u tal-persuni nvoluti fl-istess. Ovvjament, bħal kull prova indiretta oħra, jridu jkunu tali li jwasslu għall-konkluzzjoni univoka u li biha l-ġudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubbju dedatt mir-raġuni mill-ħtija jew responsabbiltà kriminali tal-imputat jew akkuzat. Hekk kif ġie deċiż fil-kawza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta v George Spiteri deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 –

> **'L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan irrekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi'**

Illi, ukoll, il-ġurista Ingliz C.B. Pollock jitfa' dawl fuq il-kunċett tal-provi ndizzjarji billi jgħid hekk kif isegwi –

> ***'It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus, it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of... (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice).***

Illi, jibda' biex jingħad illi Caruana jirrakkonta illi ftit tal-ħin qabel, it-tfal tal-appellant kienu qed jieħdu nteress kbir fiċ-ċrieket li kien liebes u josserva ukoll li wieħed minnhom kien qed juza' telefon ċellulari f'dak il-ħin. Illi, mbagħad mit-testimonjanza ta' Dr Anthony Bonnici, in rapprezentanza tas-soċjeta *Go plc*, jirriżulta illi mill-

*localisations* tat-telefon ċellulari tal-appellant li għandu n-numru 79803635, l-appellant nhar il-11 ta' Frar 2013, għall-ħabta ta' bejn it-tmienja u d-disgħa ta' filgħaxija kien jinsab lejn iz-Zejtun u Ħal Tarxien, u ċioe' f'prossimita' tax-xena tar-reat.

Magħdud ma 'dan il-vittma jirrakkonta li l-appellant telaq minn fuq il-post permezz ta' trukk aħmar u li kien liebes flokk ta' lewn *camoflauge*. Mill-indaġini magħmula mill-Pulizija rrizulta li fil-fatt il-vettura li juża' tal-appellant kienet propju trukk aħmar filwaqt li mir-residenza tiegħu ġie elevat ukoll flokk tal-lewn *camoflauge*. Kif ingħad, dan it-trukk aħmar jidher ukoll fl-istills eżebiti mill-espert Steven Farrugia Sacco.

Illi, finalment, minn fuq iż-żarbun tal-vittma ġiet elevata marka taż-żarbun fejn l-aggressur tiegħu kien rifsu meta kien qed iżommu. Din il-marka ġiet mqabbla pożittivament maż-żarbun li ġie elevat mir-residenza tal-appellant fejn l-espert Joseph Mallia jikkonkluda: –

> **Illi wara li ġew ezaminati, studjati u kkomparati d-dokumenti 13 AKQ 203 mad-dokument 12 AKQ 202 irrizulta illi, l-parti tal-marka tal-pedata li tidher stampata fuq iz-zarbuna l-leminija ta' lewn iswed dokument 13 AKQ 203 taqbel pozittivament u għalhekk hija identika ma' parti mill-qiegħ taz-zarbuna tax-xellug, taz-zarbun tal-marka "Gola" dokument 13 AKQ 202.**

Illi, l-appellant jisħaq li l-elevar ta' dana ż-żarbun waqt l-istħarriġ li kien qed isir sar kontra l-liġi u dana għaliex waqt it-tfittxija fir-residenza tiegħu, huwa ma kellux l-avukat tal-fiduċja tiegħu prezenti.

Illi l-artikolu 355L tal-Kodiċi Kriminali jigħid hekk dwar is-setgħat tal-pulizija li jidħlu jinvestigaw fid-djar jew bini:

> **(1) Il-Pulizija għandha s-setgħa li tidħol u tfittex f'kull post, dar, bini jew reċint użat, okkupat jew kontrollat, ukoll jekk biss għal xi żmien, minn persuna li tkun taħt arrest, jekk ikollhom għaliex raġonevolment jissuspettaw li hemm provi, minbarra oġġetti li jaqgħu taħt il-privileġġ legali, li għandhom x'jaqsmu mar-reat jew ma' reat li għandu x'jaqsam miegħu, u dik it-tfittxija għandha tkun limitata għal dak li hu raġonevolment meħtieġ biex jinstabu dawk il-provi:**
>
> **Iżda jekk jiġu mikxufa reati matul it-perkwiżizzjoni li ma jkunux ir-reat jew ir-reati li dwarhom il-persuna tkun ġiet arrestata ,dik il-perkwiżizzjoni tista' testendi kif meħtieġ għall-finijiet ta'dawk ir-reati l-oħra.**

**(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-Sub-titoluV, il-Pulizija tista', matul xi perkwiżizzjoni li ssir skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), taqbad u żżomm kull oġġett lima jkunx suġġett għal xi privileġġ legali u li jkun jikkostitwixxi provi relevanti għall-fini ta' xi reat imsemmi fl-istess subartikolu**

Illi d-dritt ta'l-assistenza legali kienet mogħtija lill-persuna susspettata, in linja mad-dritt komunitarja, permezz ta'l-Att LI tal-2016, liema emendi allura ma kenux applikabbli fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reati li dwarhom l-appellant jinsab mixli. Jingħad biss illi dan id-dritt li s-suspettat ikun assistit ukoll matul xi att investigattiv huwa misjub fl-artikolu 355AUA(8)(e) tal-Kodiċi Kriminali li jiddisponi illi:

**Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jattendi għall-atti investigattivi jew ġbir ta' evidenza jekk il-persuna suspettata jew akkużata jeħtiġilha jew ġiet permessa li tattendi għall-att konċernat:**

**(i) ringiela ta' persuni suspettati għal finijiet ta' identifikazzjoni;**
**(ii) konfrontazzjonijiet;**
**(iii) rikostruzzjonijiet tax-xena tad-delitt.**

Kwindi, anke jekk l-Qorti kellha tapplika din il-liġi għal każ in diżamina, l-att investigattiv li permezz tiegħu kien elevat iż-żarbun tal-appellant ma jaqax taħt wieħed minn dawk l-atti investigattivi fejn is-suspettat għandu id-dritt li jkollu l-assistenza legali. Illi mbagħad mill-atti jirriżulta illi dan iż-żarbun inġabar fil-kors tal-inkjesta maġisterjali fejn kien mgħoddi lill-uffiċjal tax-xena tar-reat, u li kienet elevata il-marka tal-qiegħ tiegħu, li mbagħad spiċċa eżaminat mill-espert Joseph Mallia u ikkomparat mal-marka elevata mill-istess uffiċjali tax-xena tar-reat minn fuq iż-żarbun tal-vittma. Għaldaqstant lanqas dan l-aggravju ma jistħoqqlu akkoljiment.

Illi, għalhekk, magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet huwa evidenti illi l-provi kollha, fl-assjem tagħhom, jippuntaw b'mod univoku u inekwivoku lejn l-involviment tal-appellant fis-serqa *de quo*.

Illi, finalment ġie ppruvat li l-vittma, dakinhar tas-serqa kellu 85 sena, u wkoll sofra ġrieħi fuq persuntu. Miċ-ċertifikat mediku maħrug minn Dr Andrew Farrugia Wismayer datat 12 ta' Frar 2013 jirrizulta li l-vittma sofra abrazzjonijiet fuq is-*supra-orbital ridge* tax-xellug ta' xi 4 ċentimetri u selħa ħafifa ma' ġenb l-għajn il-leminija ta'

1.5 ċentimetri, liema ġrieħi ġew ikklassifikati bħala "**ħfief salv kumplikazzjonijiet**". Ukoll, Dr Mario Scerri l-espert mediko-legali maħtur fil-kors tal-*in genere*, jikkonkluda illi:-

> **Illi, l-abrazjoni deskritta fuq in-naħa tax-xellug tal-moħħ (forehead) kellha qoxra xotta li ma kinitx distakkata, kienet ilha li saret madwar jumejn mid-data tal-ezami medikolegali u kompattibli ma' girfa;**
>
> **Illi, d-dbenġila deskritta fuq in-naħa tal-lemin tal-moħħ (forehead) kienet ta' kulur vjola tagħti fl-aħdar ċar, kienet ilha madwar jumejn li saret mid-data tal-ezami medikolegali u kompattibli ma' blunt trauma.**
>
> **...**
>
> **Illi dawn il-lezjonijiet huma kollha ta' natura ħafifa.**

Illi, il-kwalifika tal-vjolenza ġiet ippruvata ukoll. Apparti mill-fatt li hekk kif appena ingħad, ġew ikkawzati ġrieħi fuq il-persuna tal-vittma, dina s-serqa ġiet ukoll kommessa minn aktar minn żewġ persuni. Illi, dwar il-kwalifika tal-valur, il-vittma stqarr li l-affarijiet derubati kienu jammontaw għall-valur ta' €3,185, liema ammont għalhekk jaqbez dak tal-€2,329.37 hekk kif indikat fil-liġi. Illi, finalment din s-serqa ġiet komemssa fi Frar għall-ħabta tad-disgħa ta' bil-lejl, fil-ħin ta' "*bil-lejl, jiġifieri, bejn inzul u tl-tlugħ tax-xemx*" biex b'hekk anke dan l-aggravanti huwa ppruvat.

Għaldaqstant din l-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, tinsab moralment konvinta mill-ħtija tal-appellant fir-rigward l-ewwel sal-ħames imputazzjonijiet dedotta kontrih u għalhekk l-aggravji kollha tiegħu in konnessjoni ma'l-istess qed jkunu miċħuda.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għall-ġudizzju ta' din l-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' erbgħin xahar priġunerija fejn l-appellant jilmenta illi l-piena mposta fuqu ma tirrispekjax il-fatti partikolari ta' dan il-każ u hija eċċessiva u sproporzjonata.

Illi jibda biex jingħad illi kif stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza, qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma

jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[3] .

Issa huwa indubitat illi, l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda fil-parametri tal-liġi fejn il-piena għar-reat ta' serq aggravat bil-vjolenza, meta l-offiża hija ta' natura ħafifa, hija dik tal-priġunerija bejn 18-il xahar u tlett snin, li għandha tiżdied bi grad stante illi kienet kommessa fuq anzjan ta' 85 sena u għalhekk titla' għal piena ta' priġunerija bejn sentejn u erbgħa snin, liema piena ma tistax tingħata fil-minimu tagħha stante illi r-reat huwa aggravat b'żewġ kwalifiki oħra. B'hekk skont dak dispost fl-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali għandha tinkludi terz tad-differenza bejn il-minimu u l-massimu tal-piena u għalhekk trid tiżdied bi tmien xhur oħra, sabiex b'hekk il-piena ta' 40 xahar hija viċin ħafna il-minimu tal-piena li setgħet tkun komminata kontra l-appellant. Jikkonsegwi għalhekk illi l-piena ta' 40 xahar priġunerija hija fil-parametri tal-liġi.

Issa l-appellant iressaq provi quddiem din il-Qorti sabiex juri illi huwa qiegħed fit-triq ta' rijabilitazzjoni u fil-fatt jidher illi huwa għamel progress sostanzjali għalkemm għadu jinsab inkarċerat. Huwa segwa programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga tramite il-*Prison Inmates Programme* u temmu b'suċċess. Llum qed ikun segwit mill-Fondazzjoni *RISe*, fejn qed ikompli jiskonta piena karċerarja. Madanakollu, il-Qorti tqis illi għadu kmieni wisq biex tagħti affidament lill-appellant tenut kont ukoll tal-fedina penali refrattarja tiegħu u tan-natura serja tar-reati li dwarhom huwa kien misjub ħati. Għalhekk l-Qorti hija tal-fehma li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti m'għandiex tkun varjata. Għalhekk, anke dan l-aħħar aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, trattat l-appell imressaq mill-imputat Keith Joseph Mallia, jifdal biex ikun ikkunsidrat l-appell ta'l-Avukat Ġenerali. Fl-uniku aggravju minnu ventilat, l-Avukat Ġenerali jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet enunċazzjoni zbaljata tal-liġi meta ma

[3] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

sabitx ħtija għas-sitt imputazzjoni dedotta kontra l-appellat Keith-Joseph Mallia, u ċioe' l-imputazzjoni li kienet tikkonċerna l-allegat ksur tal-kundizzjonijiet marbuta mal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu f'proċeduri oħrajn.

Illi, fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti ddeċidiet illi:–

> **"... Minkejja l-ezenzjoni tad-difiza hawn fuq imsemmija u minkejja li meta l-Ufficjal Prosekutur fil-kawza odjerna l-iSpettur James Grech xehed is-segwenti: "il-kawza ghadha pendenti kif jien informat mill-iSpettur Frank Tabone quddiem din l-istess Qorti pero' bhala Qorti ta' Ghawdex" (a fol. 267), il-Qorti tinnota li kellha tigi nformata mill-iSpettur Frank Tabone nnifsu (l-Ufficjal Prosekutur fil-kawza fejn l-imputat inghata l-kondizzjonijiet tal-liberta' provizorja in kwistjoni) li jixhed li l-proceduri li fihom dawk il-kondizzjonijiet ikunu inghataw ikunu ghadhom pendenti fil-mument meta jkun gie kommess id-delitt ta' natura volontarja. Dan ma sarx. Dak li nghad mill-iSpettur James Grech hawn fuq u li gie kwotat huwa biss detto del detto.**
>
> **Stante li l-prova tal-vigenza tal-proceduri penali fil-mument tal-kommissjoni tad-delitt ta' natura volontarja ma ngabitx mill-Prosekuzzjoni kif kellha ssir, ghalhekk il-Qorti ma tistax tassumi li l-proceduri penali in kwistjoni kienu ghadhom pendenti. Ghalhekk din il-Qorti sejra ssib li l-imputazzjoni in ezami ma gietx sodisfacentement pruvata sal-grad rikjest mil-Ligi u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha".**

Illi, nhar is-17 ta' Frar 2014, l-iSpettur James Grech ippreżenta kopja tal-kundizzjonijiet marbuta mal-ħelsien mill-arrest imposti fuq l-appellat nhar is-16 ta' Lulju 2011 mill-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Dr Josette Demicoli. L-iSpettur James Grech, taħt ġurament, xehed illi:

> **"fil-kawza Spettur Frank Anthony Tabone vs Keith Joseph Mallia mogħtija lilu fis-16 ta' Lulju 2011, il-kawza għadha pendenti kif jiena nfurmat mill-iSpettur Frank Tabone quddiem din l-istess Qorti pero' bħala Qorti t'Għawdex".**

Illi, *inoltre* nhar is-16 ta' Ġunju 2014, id-difiża vverbalizżat illi -

> **"Id-difiza ... qed tezenta lill-Prosekuzzjoni milli ssir l-identifikazzjoni għall-finijiet tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja kif imposti fid-digriet esebit a fol. 268, 269 u 270 tal-proċess u dan stante li l-istess difiza tirrikonoxxi illi l-imputat indikat fil-paġni msemmija huwa l-istess imputat fil-kawza odjerna".**

Illi, l-Ewwel Qorti saħqet li dak li stqarr l-iSpettur Grech kien *detto del detto* u li kellu jkun l-iSpettur Tabone li jitla' jixhed u jgħid li dawk il-kundizzjonijet imposti kienux għadhom viġenti, *o meno*, meta l-appellat allegatament ikkometta r-reati lilu addebitati. L-Avukat Ġenerali minn naħa l-oħra jikkontendi li kemm l-iSpettur Grech kif ukoll l-iSpettur Tabone t-tnejn li huma jirrappreżentaw lill-Kummissarju tal-Pulizija u li għalhekk ma kinitx tagħmel differenza minn xehed dwar l-istess, iktar u iktar meta l-Prosekuzzjoni hija fdata f'dan il-każ f'idejn il-Pulizija Ezekuttiva.

Illi l-Artikolu 4(1) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi:

> "**L-azzjoni kriminali hija essenzjalment pubblika, u tmiss lill-Istat u titmexxa fl-isem tar-Repubblika ta' Malta bil-mezz tal-Pulizija Eżekuttiva jew tal-Avukat Ġenerali, kif ikun il-każ, skont il-liġi**".

Jikkonsegwi għalhekk illi meta l-prosekuzzjoni tal-kawża huwa fdata f'idejn il-Pulizija Eżekuttiva, immaterjalment mill-persuna li tkun qed tmexxi il-prosekuzzjoni tal-każ, il-Prosekutur jibqa' wieħed u ċioe' il-Pulizija Eżekuttiva li fiha hija rimessa l-azzjoni kriminali. Għalhekk, dina l-Qorti ma tarax il-ħtieġa li għandu jkun propju l-uffiċjal prosekutur f'dik il-kawza partikolari li fiha l-imputat ikun ingħata l-ħelsien mill-arrest, li jitla' jixhed dwar l-kundizzjonijiet hemmhekk imposti, iktar u iktar meta vera kopja tad-digriet huwa eżebit in atti (Dok JM3 – a fol. 268) fuq liema digriet hemm notament li jindika "***Diff:05/02/2014. Mgt. Dr. N. Camilleri Gozo Court***". Magħdud ma' dan, imbagħad id-difiża lanqas ikkontestat l-identifikazzjoni tal-imputat bħala l-istess persuna li lilha kien konċess il-ħelsien mill-arrest fil-proċeduri l-oħra fejn l-Ispettur Frank Anthony Tabone kien qed imexxi il-prosekuzzjoni sabiex b'hekk kienet tonqos il-ħtieġa li dan l-iSpettur jikkonferma id-digriet huwa stess u li dan kien għadu viġenti fil-mument meta l-imputat ikkometta ir-reati l-ġodda li dwarhom instab ħati fil-presenti istanza. Mhux biss, iżda, mill-fedina penali eżebita mal-preżentata bl-arrest tal-imputat, ma kien hemm ebda kundanna reġistrata wara il-15 ta' Marzu 2004, sabiex huwa indubitat illi fil-mument meta l-appellat ikkometta r-reati li dwarhom huwa mixli fil-presenti istanza, id-digriet kien għadu viġenti u l-kawża kienet għadha ma għaddietx in ġudikat.

Issa magħdud dan, madanakollu, wara li l-Qorti eżaminat bir-reqqa d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati ta' nhar is-16 ta' Lulju 2011, fejn kienu ġew imposti fuq l-appellat diversi

kundizzjonijiet marbuta mal-konċessjoni lilu magħmula tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest, ma tirriżulta ebda kondizzjoni imposta fuqu, li solitament tkun imposta f'kull digriet tal-ħelsien mill-arrest mogħti mill-qrati, illi huwa ma jikkomettix reat ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest.

Il-kundizzjonijiet huma s-segwenti:

1. **"Li jidher ghal kull att tal-process fid-data, lok u hin li jigu lilu ordnati minn din il-Qorti jew minn Qorti ohra;**
2. **Li jirrapporta fl-Ghassa tal-Pulizija tad-distrett ta' fejn joqgħod u ċioe' fl-Ghassa ta' Zejtun, kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgha u il-Gimgha bejn it-8:00a.m. u s-7:00p.m.; b'dan illi jekk huwa ma jkunx jista' jirrapporta kif fuq inghad ghandu jibghat certifikat mediku fi zmien sitt sieghat mill-hin li fih huwa qed jigi obbligat li jirrapporta;**
3. **Li jirtira gewwa d-dar fejn joqghod mhux izjed tard it-8:00p.m. ta' fil-ghaxija u ma johrogx minn hemm gew mhux iktar kmieni mis-6:00a.m. ta' fil-ghodu ta'l-ghada;**
4. **Li ma jsifirx minn dawn il-Gzejjer sakemm ma jkunx gie awtorizzat mill-Qorti f'dan is-sens;**
5. **Li ma jkellimx jew javvicina b'xi mod lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni;**
6. **Jekk ibiddel l-indirizz tad-dar tieghu, li jinforma lill-Pulizija b'dan it-tibdil fi zmien tnax-il siegha minn tali bdil;**
7. **Li jaghmel tajjeb ghal dan il-beneficcju tal-helsien mill-arrest billi jiddepoizta fir-Registru ta' din il-Qorti s-somma ta' elf u hames mitt euro (€1500) oltre garanzija personali ta' hamest elef euro(€5000)."**

Illi mill-eżami tas-sitt imputazzjoni kif dedotta, jirriżulta li l-Prosekuzzjoni qed tixli lill-appellat bir-reat maħsub fl-artikolu 579 (2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali u mhux skond is-sub-inciz (1) tal-istess artikolu fejn, dment li l-Qorti ma tkunx tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien ma jkunx wieħed ta' konsegwenza serja, s-somma imsemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern u jiġi maħruġ mandat t' arrest. Fil-kaz tas-subinciz (2) u (3) il-ksu jikkostitwixxi reat fejn l-vjolatur jista' jeħel piena u fejn il-Pulizija tista' titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna għalkemm ma tgħidx li l-Qorti tkun marbuta li tilqa' din it-talba.

Illi għalkemm l-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju jindika id-disposizzjonijiet kollha ta'l-artikolu 579, inkluż allura is-sub-inċiż (1), madanakollu minn qari tat-talbiet magħmula konsegwenzjali għall-imputazzjonijiet fl-akkuża jidher illi l-artikolu ndikat huwa l-artikolu 579(2) u (3), u dan għaliex il-proċedura 'il

waħda neċessarjament teskludi lill-oħra, bil-Prosekuzzjoni allura ma tistax tagħmel talbiet kemm taħt is-sub-inċiż (1) u ukoll taħt is-sub-inċiż (3) fl-istess proċediment.

Illi inoltre fejn taħt is-sub-inċiż (1) ikun hemm it-telfien tal-garanzija u jinħareġ mandat t'arrest, dawn il-provvedimenti jistgħu jittieħdu għal raġunijiet oltre il-ksur tal-kondizzjonijiet fid-digriet tal-ħelsien mill-arrest u allura ukoll:

> **Jekk l-imputat jew akkużat jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorità msemmiia fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, jew jinħeba jew jitlaq minn Malta, <u>jew waqt li jkun meħlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja</u>, jew jinterferixxi jewjipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod ieħor jintralċja jewjipprova jintralċja il-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew ta' xi persuna oħra ....**

Din id-diċitura hija differenti minn dik adoperata fis-sub-inċiż (2) fejn hemm hekk dispost *sic et simpliciter*:

> **Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat**

Jikkonsegwi għalhekk illi meta l-Prosekuzzjoni tmexxi kontra il-persuna mputata fit-termini ta'l-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali trid tagħżel liema proċedura tadotta u ċioe' jekk hux dik imfassal fis-sub-inċiż (1) jew inkella jekk tixliex lill-persuna li kkommettiet il-ksur allegat, bil-kummissjoni ta' reat kif hemm maħsub fis-sub-inċiżi (2) u (3).

> **In fatti, ir-reat kontemplat fl-Art. 579(2) imsemmi jigi kommess minn min jonqos li jhares kundizzjoni tal-bail, liema kundizzjoni hekk miksura mhux neccessarjament tkun dik li ma jikkommetix delitt ta' natura volontarja. In fatti wiehed jista' jivvjola dan l-Artikolu 579(2) minghajr ma jikkommetti delitt volontarju, bhalma min jikkommetti delitt volontarju mhux necessarjament ikun qed jikkommetti wkoll ir-reat kontemplat f'dan l-Art. 579(2)[4].**

Premess dan allura u għal motivazzjonijiet differenti minn dawk milħuqa mill-Ewwel Qorti, għalkemm l-Avukat Ġenerali għandu raġun fl-ilment tiegħu, madanakollu l-Qorti ma tistax tagħmel dak minnu mitlub fir-rikors ta'l-appell, u ċioe' li tirrevoka il-

[4] App. Inf. Il-Pulizija vs Bertram Zahra deċiża – 29/05/2009

liberatorja għas-sitt imputazzjoni għaliex l-imputat qatt ma jista' jkun misjub ħati tar-reat imfassal fl-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali u ċioe' li kiser xi kundizzjoni li ma kenitx indikata fid-digriet, iktar u iktar għaliex jidher illi huwa mixli li kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest proprju għaliex ikkommetta delitt ieħor ta' natura volontarja u mhux għal xi raġuni oħra, per eżempju li ma osservax il-kundizzjoni marbuta ma' ħin ta' rinkażar.

Għaldaqstant, l-appell ta'l-Avukat Ġenerali ma jistax ikun milqugħ.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad kemm l-appell ta'l-imputat Keith-Joseph Mallia, kif ukoll dak ta'l-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**